**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1004/2021 LC

**JOSEPH DARMANIN (K.I 271037M)**
**LAURA DARMANIN (K.I. 452065M)**
**JOHN DARMANIN (K.I. 517340M)**
**ALBERT MUSCAT (K.I. 362568M)**
**LORRAINE MUSCAT (K.I. 257266M)**
**EDWARD HUGHES (K.I. 233096M)**
**HOWARD HUGHES (K.I. 341682M)**
**MICHAEL DARMANIN (K.I. 331146M)**
**PAULINE GRILLO (K.I. 769649M)**

*vs*

**DORIS MICALLEF (K.I. 428745M)**

**Illum, 18 ta’ Jannar 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Joseph Darmanin, Laura Darmanin, John Darmanin, Albert Muscat, Lorraine Muscat, Edward Hughes, Howard Hughes, Michael Darmanin, Pauline Grillo fejn, għar-raġunijiet u premessi hemm infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jsir it-test tal-mezzi tal-intimata ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Test tal-Mezzi) kif riċentement emendat;

2. Kemm-il darba l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna lill-intimata tivvaka mill-fond de quo fi żmien perentorju ta' sentejn, bil-kumpens kif maħsub fl-artikolu12B(4) ta' Kapitolu 158 il-Liġijiet ta' Malta jew dawk applikabbli fid-data tas-sentenza finali;

3. Jillikwida l-ammont ta' arretrati tal-kera li huwa dovut mill-intimata mill-bidu tal-kirja de quo sal-ġurnata tal-lum u tordna lill-intimata tħallas l-ammont ta' arretrati hekk likwidat;

4. Kemm-il darba inti Malta tissodisfa l-kriterju tad-dħul tal-mezzi u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna li l-kera tiġi awmentata b' effett mill-1 ta' Jannar 2021 sa massimu ta 2% fis-sena tal-valur liberu fis-suq fl-1 ta’ Jannar tas-sena kurrenti u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera inkluż l-awment annwali ta' l-istess kera.

   bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kompriżi dawk ta' indoli kostituzzjonali, liema intimata hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tad-09 ta’ Frar, 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jippruvaw t-titolu taghħom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi wkoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet

causa mortis tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta’ Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f’każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Doris Micallef (K.I. 428745M) datata it-23 ta’ Frar, 2022 fejn sommarjament, eċċepew fost l-oħrajn li (i) il-pretenzjonijiet tal-atturi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li abbażi tal-Artikolu 14 tal-Kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta it-talba biex tiġi awmentata il-kera kellha ssir tramite ittra uffiċjali u mhux ittra bonarja hu sa xahar qabel it-tiġdid tal-kera joe sat-tlieta u 23 ta' Novembru peress li l-kera kienet tibda mit-tlieta u 23 ta' Diċembru ta' kull sena; (ii) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost hu ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 69, il-bord għandu jiddeċiedi fuq it-tibdil tal-kondizzjonijiet jew l-awment tal-kera stante din il-kera bdiet minn qabel l-1995; (iii) illi l-intimata iddepożitat il-kera fir-reġistru tal-qorti peress illi r-rikorrenti mhux qeghdin jaċċettawha u qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tkompli tirrisjedi f' dan il-fond; (iv) l-esponenti (Sic) ma kellha ebda obbligu bil-liġi biex tressaq kawża biex tiġi awmentata b'l-kera jew biex tagħmel xi forma ta' ftehim ma' l-atturi hu inoltre hija tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi.

Ra in-nota tal-intimata datata t-30 ta’ Marzu 2022 fejn irtirat l-eċċezzjonijiet kollha u talbet li jsir id-debitu test tal-mezzi;

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tat-13 ta’ Jannar, 2022, l-intimata wettqet it-Test tal-Mezzi ai termini tar-Regolamenti

dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Ivan Cachia u Maria Roberta Mallia ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mit-testment ta' omm ir-rikorrenti, senjatament Carmela Darmanin, redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Sciberras fis-17 ta' Lulju 1991, hija istitwixxiet u nnominat bħala eredi universali, propjetarji u padruni assoluti tal-ġid tagħha kollu lill-uliedha kollha, inklużi r-rikorrenti. Illi dan il-fond kien ġie għand it-testatriċi mill-poter ta' ommha Paola Cutajar, li ġiet nieqsa fit-3 ta' Novembru 1946 u dan kif jirriżulta mid-Denunzja relattiva preżentata in atti.

Illi ma tressqet ebda prova li b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-Atti appena msemmija u b'hekk, abbażi ta' dawn l-Atti, il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi ir-rikorrenti preżentaw mar-rikors promotur għadd ta' riċevuti tal-kera, li wħud minnhom imorru lura sal-1964 u li juru li l-kera fuq il-fond de quo kienet titħallas mill-istess intimati lid-*dante causa* tar-rikorrenti.

Illi fid-dawl ta' dan appena espost, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Doris Micallef ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Doris Micallef **ma teċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar bi tlett sulari. Il-kostruzzjoni tal-post tinstab fi stat tajjeb ta' manutensjoni u huwa mgħammar bis-servizzi kollha ta' elettriku, ilma u drenaġġ li jinsabu fi stat tajjeb ta' manutensjoni.

Illi l-periti tal-Bord wara li kkonsidraw dak kollu riportat fir-rapport tagħhom, u ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jistmaw il-valur tal-propjetà, bħala fond ta' abitazzjoni , libera u franka, fis-suq ħieles fl-1 ta' Jannar 2021 fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin elf Ewro (€450,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' disat' elef Ewro (€9,000) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi fit-tielet talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-arretrati ta' kera mill-bidu tal-kirja *de quo* sal-lum. Illi r-rikorrenti ma ressqu ebda prova in sostenn ta' din it-talba u b'hekk il-Bord ma jistax jgħaddi biex jilqa' l-istess.

Illi di più, fir-raba' talba tagħhom ir-rikorrenti jitolbu wkoll lill-Bord sabiex jistabbilixxi l-awment annwali tal-istess kera. F'dan ir-rigward, il-Bord jinnota li l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 huwa ċar ħafna fir-rigward tal-awment tal-kera u tal-parametri li huwa marbut bihom dan il-Bord. Din it-talba tmur lilhinn mill-parametri permissibbli mill-istess Artikolu 4A tal-Kap. 69 sakemm il-Bord ma jawmentax il-kera annwalment sa massimu ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq tad-Dar ta' abitazzjoni. Illi peress li l-Bord diġà ta l-fehma tiegħu *obiter* fir-rigward taż-żieda tal-kera għal 2% u b'hekk m'għandux fejn imur oltrè minn hekk f'dawn il-proċeduri.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi tal-intimata twettaq waqt l-andament tal-kawża;

2. Jiċħad it-tieni talba stante illi l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

3. Jiċħad it-tielet talba stante li ma tressqet ebda prova in sostenn tal-arretrati mitluba;

4. Jilqa', in parte, r-raba' talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond bin-numru 115, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Birgu għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata għall-ammont ta' disa t' elef ewro (€9,000) fis-sena u jikkundanna lill-intimata Doris Micallef tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mil-lum, bħala d-data tas-sentenza u u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena filwaqt li jiċħad it-talba fir-rigward tal-awment annwali tal-istess kera;

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**